

Brussell, 8 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6795/21

JAI 233
FREMP 38

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea, kif approvati permezz ta' proċedura bil-miktub fil-5 ta' Marzu 2021¹.

¹ CM 2064/21

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar it-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea

Preambolu

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li jfakkar fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li skontu l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

Filwaqt li jenfasizza li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Karta"), ipproklamata solennement fis-7 ta' Diċembru 2000, tirrappreżenta stadju importanti tal-integrazzjoni Ewropea u hija simbolu tal-identità Ewropea komuni tagħna;

Filwaqt li jenfasizza li n-natura legalment vinkolanti tal-Karta tobbliga lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, b'rispett dovut għall-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif ukoll lill-Istati Membri meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, biex jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom f'konformità mas-setgħat rispettivi tagħhom u jirrispettaw il-limiti tas-setgħat tal-Unjoni kif konferiti lilha fit-Trattati, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 51 tal-Karta;

Filwaqt li jinnota li l-Karta hija waħda mill-aktar strumenti moderni u komprensivi minn fost l-istrumenti legalment vinkolanti tad-drittijiet fundamentali u parti integrali mis-sistema b'livelli multipli ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni;

Filwaqt li jfakkar li l-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem "KEDB") ser tikkomplementa l-arkitettura eżistenti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni u tippromwovi aktar konsistenza fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Ewropa, u **filwaqt li jilqa'** l-fatt li l-Unjoni u l-Kunsill tal-Ewropa dan l-aħħar reġġu bdew in-negozjati biex jinkiseb dan l-għan;

Filwaqt li jenfasizza li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni ma jistgħux jitqiesu bħala fatt. Din tirrikjedi sforz kontinwu u responsabbiltà kondiviża li tehtiegħ sforz kollettiv mill-atturi kollha kkonċernati, jiġifieri l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-leġiżlaturi, l-imħallfin u l-prosekuturi, prattikanti legali oħra, l-universitajiet u l-iskejjel tat-taħriġ għall-prattikanti legali, l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem (minn hawn' il quddiem "NHRIs"), il-korpi tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Filwaqt li jissottolinja li d-drittijiet fundamentali jistgħu jiġu żgurati biss f'soċjetà demokratika bbażata fuq l-istat tad-dritt, li l-indipendenza tal-ġudikatura tagħha hija waħda mill-elementi konstitwenti essenzjali;

Allarmat mill-isfidi bla preċedent maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt qawwi tagħha fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni, ix-xogħol, l-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-ikel, il-kultura, l-aċċess għall-ġustizzja, l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ, il-libertà tal-moviment, il-libertà tal-għaqda, il-libertà tal-informazzjoni u l-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin;

Imħasseb bil-mod li bih l-effetti tal-pandemija jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni f'pożizzjoni vulnerabbli u mill-effetti fit-tul possibbli tagħha u konsegwenzi imprevedibbli oħra għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali bażiċi;

Filwaqt li jirrikonoxxi l-isfidi marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt li tfaċċaw f'dawn l-aħħar snin fl-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħal daww marbuta mal-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-applikanti għall-ażil u l-migranti, it-tranżizzjoni diġitali u l-użu akbar tal-intelliġenza artifiċjali, flimkien mal-possibbiltà tal-użu ħażin tagħha², iż-żieda fil-miżinformazzjoni u d-diskors ta' mibegħda, kemm online kif ukoll offline, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza, l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili, it-theddid estern għall-integrità tal-elezzjonijiet u l-proċess demokratiku, it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni transkonfinali tal-adulti vulnerabbli;

Filwaqt li jinnota bi tħassib il-persistenza ta' problemi u ostakli serji għat-tgawdija, minn kulħadd, tad-drittijiet fundamentali, bħall-faqar, il-fenomeni ta' persuni mingħajr dar u l-prekarjetà, il-forom kollha ta' diskriminazzjoni, l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, il-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u l-persuni LGBTI, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabilitajiet, u t-traffikar ta' bnedmin;

² Ara l-konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-kuntest tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-Bidla Diġitali (dok. 11481/20 tal-21 ta' Ottubru 2020).

Filwaqt li jfaħħar il-progress kontinwu fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari, permezz ta' leġiżlazzjoni mmirata lejn it-tisħiħ tal-protezzjoni u l-promozzjoni ta' drittijiet speċifiċi, strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni mfassla biex itejbu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "QĠUE");

Filwaqt li jinnota b'apprezzament il-ħidma importanti mwettqa mill-Kummissjoni fil-qafas tal-"Istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" tal-2010;³

Filwaqt li jilqa' l-Konklużjonijiet annwali tal-Kunsill u r-rapporti annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta, kif ukoll ir-rapporti annwali dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (minn hawn 'il quddiem "FRA");

Filwaqt li jagħraf li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-Karta tintuża għall-potenzjal sħiħ tagħha, biex issir verament effettiva fil-ħajja tan-nies u b'hekk titrawwem kultura b'saħħitha ta' drittijiet fundamentali fl-Unjoni;⁴

Filwaqt li jfakkar fil-"Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali wara Għaxar snin: is-Sitwazzjoni Attwali u l-Ħidma Futura" (minn hawn 'il quddiem "Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019");⁵

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea **jgħedded** l-impenn tiegħu biex il-Karta ssir realtà għal kulħadd u **jadotta** l-konklużjonijiet li ġejjin:

1. Il-Kunsill **jilqa'** l-"Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea"⁶ (minn hawn 'il quddiem "l-Istrateġija dwar il-Karta") u l-enfasi akbar tagħha fuq ir-responsabbiltà tal-Istati Membri.
2. Il-Kunsill **jenfasizza** s-sinerġiji u l-komplementarjetà tal-Istrateġija dwar il-Karta ma' linji ta' politika u strumenti oħra li għandhom l-għan li jippromwovu u jipproteġu l-valuri fundamentali li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, bħaċ-Ċiklu Annwali tal-Istat tad-Dritt, il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għad-Demokrazija Ewropea u r-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020.

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, 19 ta' Ottubru 2010, COM (2010)0573.

⁴ Kif muri fir-Rapport tal-2019 tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali, ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni u l-istħarriġ tal-Ewrobarometru dwar l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-Karta.

⁵ Adottati fis-7 ta' Ottubru 2019, dok. 13217/19.

⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, 2 ta' Diċembru 2020, COM(2020) 711 final.

Prevenzzjoni u promozzjoni

Taħriġ

3. Il-prevenzzjoni tal-ksur tad-drittijiet fundamentali titlob taħriġ adegwat tal-atturi kollha fil-katina tal-infurzar tal-Karta, inkluż l-NHRIs, il-korpi tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sa fejn ikun possibbli, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għandu jqis l-ispeċifikitajiet tal-ħidma mwettqa minn dawn l-atturi, b'mod partikolari l-ġudikatura. F'dan ir-rigward, il-Kunsill **jappella** lill-Istati Membri biex isaħħu l-attivitajiet ta' taħriġ rigward il-Karta fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari billi jiżviluppaw għodod u taħriġ immirati mfassla għall-ħtiġijiet tal-atturi differenti, billi jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament disponibbli tal-Unjoni u l-assistenza tal-FRA. Il-Kunsill **jissottolinja** l-importanza tal-universitajiet u l-iskejjel tat-taħriġ għall-prattikanti legali fil-promozzjoni tal-għarfien dwar il-Karta, permezz ta' riċerka akkademika u attivitajiet ta' taħriġ, anke f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

4. Il-Kunsill **jistieden** lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri u lill-atturi kollha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, fl-applikazzjoni tal-Karta u fit-trawwim ta' kultura ta' konformità u promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni kollha.

Il-Kunsill **jilqa'** l-kontribut tal-FRA għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet lejn il-Karta u l-iżvilupp ta' għodod dedikati. Il-Kunsill **ihegġegħ** lill-FRA biex iżżomm dawn l-għodod aġġornati, disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni, faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.

Sensibilizzazzjoni

5. Il-Kunsill **jenfasizza** wkoll l-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni aċċessibbli lill-pubbliku ġenerali dwar id-drittijiet minquxa fil-Karta sabiex titrawwem il-kuxjenza u s-sjieda tal-Karta miċ-ċittadini. F'dak ir-rigward, huwa **jilqa'** l-materjali eżistenti maħluqa mill-Kummissjoni u l-FRA u **jhegġegħ** lill-Istati Membri biex ikomplu jużawhom u jxerrduhom. Il-Kunsill jissuġġerixxi li l-Istati Membri jesploraw modi innovattivi u komplementarji ta' sensibilizzazzjoni, b'kunsiderazzjoni partikolari għal ċerti gruppi li jistgħu jeħtieġu aċċessibbiltà akbar għall-Karta, bħal persuni akbar fl-età, persuni b'diżabbiltajiet u tfal, u jqisu l-ħolqien ta' paġni ddedikati dwar il-Karta fis-siti web istituzzjonali rilevanti.

6. Il-Kunsill **jissottolinja** li ċ-ċittadini għandhom ikunu jafu lil min u fejn għandhom jirrikorru jekk id-drittijiet tagħhom jinkisru fi kwalunkwe Stat Membru. Il-Kunsill **ifakkar** fl-għodda interattiva utli tad-drittijiet fundamentali disponibbli fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika⁷ u **jistieden** lill-Istati Membri kollha biex jikkontribwixxu għaliha, iżommuha aġġornata u jippromwovuha.

7. Il-Kunsill **iħares b'mod favorevoli** lejn il-kampanja ta' sensibilizzazzjoni prevista mill-Kummissjoni u **jistieden** ukoll lill-Kummissjoni biex tikkoopera mal-Istati Membri, mad-difensuri tad-drittijiet, bħall-NHRIs u l-korpi tal-ugwaljanza, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal dan il-għan.

Applikazzjoni tal-Karta

L-għarfien espert u d-data tal-FRA

8. Il-Kunsill **jafferma mill-ġdid** ir-rieda tiegħu li jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert u d-data tal-FRA fl-attivitajiet tiegħu li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali, u **jistieden** lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu dan. Il-Kunsill **jistenna b'interess** li jkompli d-diskussjonijiet dwar l-emendi proposti għar-Regolament Fundatur tal-FRA, inkluż dwar l-ambitu tal-attività tal-FRA u l-metodi ta' ħidma tagħha.

Ir-rwol tal-leġiżlatur

9. L-*acquis* tal-Unjoni qed ikompli jevolvi, inkluż f'oqsma li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali. Il-Kunsill **jenfasizza** l-obbligu li jorbot lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi tal-Unjoni biex jiżguraw li l-proposti leġiżlattivi u l-istrumenti kollha jikkonformaw mal-Karta.

Il-Kunsill **itenni** l-utilità tal-"Linji Gwida dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu għall-kontroll l-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali"⁸ (minn hawn 'il quddiem il-"Linji Gwida") biex tiġi vvalutata u żgurata l-kompatibbiltà ta' proposti leġiżlattivi mad-drittijiet fundamentali.

Il-Kunsill **iġedded** l-impenn meħud fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 biex jesplora modi ġodda biex isir użu aktar effiċjenti tal-Linji Gwida. Huwa **jfakkar** ukoll lis-Segretarjat Ġenerali li l-Linji Gwida għandhom jiġu kondiviżi mal-esperti fil-korpi preparatorji rilevanti, jiġifieri billi dawn ikunu disponibbli fil-Portal tad-Delegati.

⁷ https://beta.e-justice.europa.eu/459/MT/fundamental_rights_interactive_tool?init=true.

⁸ Dok. 5377/15, 20 ta' Jannar 2015.

Kull istanza preparatorja tal-Kunsill għandha tivvaluta proposti leġiżlattivi ġodda fid-dawl ta' dawn il-Linji Gwida; f'dak ir-rigward, il-Kunsill **ihegġegħ** il-promozzjoni ta' skambju espliċitu ta' fehmiet dwar is-suġġett tal-konformità mal-Karta fil-bidu tan-negozjati u kull meta jitqies meħtieġ. Il-Kunsill **jilqa'** t-taħriġ dwar il-Karta, inkluż dwar il-Linji Gwida, offrut mis-Segretarjat Ġenerali u l-FRA lill-Presidenzi li jkun imiss. Huwa **jilqa'** wkoll l-għodda ta' tagħlim elettroniku dwar il-Karta mħabbra mill-Kummissjoni.

10. Filwaqt li jenfasizza li l-grupp ta' ħidma FREMP huwa responsabbli għall-ħidma preparatorja fil-proċeduri leġiżlattivi tal-Kunsill fil-qasam tad-drittijiet fundamentali, id-drittijiet taċ-ċittadini u l-moviment liberu tal-persuni, il-Kunsill **ihegġegħ** il-preżentazzjoni ta' punti ta' informazzjoni dwar fajls leġiżlattivi li għaddejjin b'impatt potenzjalment sinifikanti fuq id-drittijiet fundamentali fil-grupp ta' ħidma FREMP. Il-Linji Gwida huma għodda utli f'dan ir-rigward.

11. Il-parlamenti u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċedura leġiżlattiva domestika għandhom rwol ewlieni biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tkun f'konformità sħiħa mal-Karta, fejn applikabbli. Il-Kunsill **ihegġegħ** lill-Istati Membri biex jirriflettu l-obbligu li jiżguraw il-konsistenza mal-Karta fir-regoli nazzjonali tagħhom dwar l-iskrutinju legali u fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-leġiżlazzjoni li taqa' fl-ambitu tal-liġi tal-UE. F'dak ir-rigward, huwa **jigħbed l-attenzjoni** għall-aħjar prattiki u għodod eżistenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, li jistgħu jiġu adattati għal kull kuntest nazzjonali.

Ir-rwol tal-amministrazzjonijiet

12. Il-Kunsill **jissottolinja** r-rwol tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluż l-impjegati taċ-ċivil, fl-integrazzjoni tal-Karta u fl-iżgurar tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fit-tfassil tal-politika, u fil-promozzjoni ta' kultura tad-drittijiet fundamentali fil-livelli kollha tal-eżekuttiv.

13. Filwaqt li jagħraf l-enfasi tal-Istrateġija dwar il-Karta fuq ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-Kunsill **ifakkar** madankollu li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni huma marbuta bil-Karta u li għandhom ikunu eżemplari f'dan il-kuntest. Għalhekk **jisħaq** li l-ħidma mwettqa mill-aġenziji tal-Unjoni spiss tkun sensittiva għad-drittijiet fundamentali, u **jenfasizza** l-importanza tat-taħriġ adegwat tal-persunal u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tagħhom.

14. Il-Kunsill **jigħbed l-attenzjoni** għall-importanza tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-Unjoni, il-protezzjoni tad-data u l-amministrazzjoni tajba bħala mezz biex jittejbu l-eżerċizzju, is-sensibilizzazzjoni u l-approprijazzjoni, min-naħa taċ-ċittadini kollha, tad-drittijiet minquxa fil-Karta.

15. Il-Kunsill **jirrikonoxxi** r-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-iżgurar ta' soċjetà sikura għal kulħadd, iżda wkoll li d-drittijiet fundamentali jistgħu jiġu affettwati b'mod partikolari mill-azzjoni tagħhom. Il-Kunsill **jagħti** importanza vitali lill taħriġ u monitoraġġ adegwati, biex jiġi żgurat li kull azzjoni mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tkun konformi mal-istandards nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll mal-istandards tal-Karta, meta applikabbli. F'dan ir-rigward, il-Kunsill **iħeġġeġ** lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ regolari lill-persunal tal-infurzar tal-liġi, lill-persunal tal-ħabsijiet u lill-persunal li jaħdem fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Huwa **jenfasizza** wkoll l-importanza li l-korpi ta' monitoraġġ u l-NHRIs ikollhom aċċess għal dawn il-postijiet, anke fil-kuntest tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, u s-setgħa li joħroġu rakkomandazzjonijiet.

16. Il-Kunsill **jissottolinja** li l-bliet u l-gvernijiet lokali huma atturi importanti fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-livell nazzjonali u dak Ewropew. Għaldaqstant **jistieden** lill-Istati Membri biex jippromwovu l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet lokali, inkluż in-networks tal-bliet, u **jħeġġeġ** l-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament taħt il-programm il-ġdid dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, b'mod partikolari l-fergħa Involvement u parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Il-Kunsill **iħares ukoll b'interess** lejn l-inizjattiva tal-FRA biex taħdem fuq qafas ta' impenji għal bliet tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni li għandu jipprovdi viżibbiltà adegwata lill-Karta.

Finanzjament

17. Il-Kunsill **ifakkar** li kwalunkwe proġett iffinanzjat mill-Unjoni għandu jikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, inkluż il-Karta, fejn applikabbli. Għalhekk, huwa **jilqa'** l-introduzzjoni ta' kondizzjoni abilitanti biex jiġi żgurat ir-rispett tal-Karta fil-baġit li jmiss tal-Unjoni għall-2021-2027. Il-Kunsill **jistenna b'interess** l-iżvilupp ta' modulu ta' taħriġ dedikat u l-assistenza relatata mill-Kummissjoni. Il-Kunsill **iħeġġeġ** lill-Istati Membri biex jiżguraw skambju bla xkiel ta' informazzjoni u kooperazzjoni f'dan ir-rigward u biex jinvolvu lill-NHRIs kif meħtieġ. Huwa **jistieden** ukoll lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jagħmlu użu mill-għarfien espert tal-FRA f'dan ir-rigward.

Skambju ta' prattiki tajbin u koordinazzjoni

18. Il-Kunsill **jirrikonoxxi** l-utilità tat-tagħlim reċiproku u tal-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati membri dwar l-implimentazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali u li jsiru diskussjonijiet tematiċi dwar il-Karta.

19. Il-Kunsill **ifakkar** li, wara l-istedina tal-Kunsill lill-Kummissjoni fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019, inħolqot paġna ddedikata fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Il-Kunsill **iħeġġeġ** lill-Istati Membri kollha biex jirreġistraw il-prattiki tajba rilevanti tagħhom hemmhekk, inkluż fil-livell lokali. Din il-paġna għandha tiġi aġġornata regolarment.

20. Sabiex jiġu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-fluss ta' informazzjoni rilevanti, il-Kunsill **jistieden** lill-Istati Membri biex iqisu n-nomina ta' punt fokali għall-Karta jew biex jafdaw punt ta' kuntatt eżistenti bil-promozzjoni u l-koordinazzjoni tat-tiżi tal-kapaċitajiet, l-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar il-Karta. Il-punti fokali nazzjonali jistgħu jikkostitwixxu rabta bejn il-livelli differenti tal-gvern fil-pajjiż u korpi oħra, inkluż dawk b'mandat marbut mad-drittijiet tal-bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni.

Infurzar u monitoraġġ

Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("QĠUE") u tal-qrati nazzjonali

21. Il-Kunsill **itenni** l-importanza tal-ġurisprudenza tal-QĠUE fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Karta. Sabiex jippromwovi l-ġurisprudenza tagħha u jqajjem kuxjenza dwar il-proċeduri rilevanti, il-Kunsill **iqis** li din għandha tkun parti integrali mit-taħriġ dwar il-Karta u tixxerred fl-Istati Membri. Il-Kunsill **jistieden** lill-QĠUE biex tkompli tinvolvi ruħha ma' networks ta' qrati nazzjonali, jiġifieri permezz ta' skambji informali jew żjarat ta' studju.

22. Il-Kunsill **jissottolinja** r-rwol vitali li l-qrati jaqdu fid-difiża tad-drittijiet fundamentali. L-imħallfin huma l-garanti veri tal-Karta, peress li huma mitluba jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet minquxa fiha. Il-Kunsill **jinnota b'apprezzament** iż-żieda fl-użu tal-Karta mill-qrati nazzjonali, kif ukoll tat-talbiet għal deċiżjonijiet preliminari lill-QĠUE, il-forma primarja tad-djalogu ġudizzjarju fil-qafas tal-Unjoni. B'rabta ma' dan, huwa **jistieden** lill-FRA biex tipprovdi aġġornamenti regolari tal-bażi tad-data Charterpedia, inkluż il-ġurisprudenza nazzjonali u Ewropea li tinsab fiha.

23. Il-Kunsill **jappella** lill-Istati Membri biex jesploraw aktar mezzi biex itejbu l-profiċjenza tal-ġudikatura u prattikanti oħra fil-qasam tal-ġustizzja dwar il-Karta, abbażi ta' materjal ta' taħriġ iddedikat, inkluż għodod ta' taħlim elettroniku. Il-Kunsill **jissuġġerixxi** li l-Istati Membri jinkoraġġixxu networks ta' mħallfin, imħallfin lajċi u onorarji u prattikanti oħra fil-qasam tal-ġustizzja biex jagħmlu enfasi mġedda fuq l-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali, jiġifieri billi jikkooperaw dwar it-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-prattiki u jibnu fuq l-appoġġ u l-għodod offruti mill-Kummissjoni, in-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (minn hawn 'il quddiem "EJTN") u l-FRA.

24. Il-Kunsill **jilqa'** l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni "Niżguraw il-ġustizzja fl-UE — strateġija Ewropea għat-taħriġ ġudizzjarju għall-2021-2024"⁹, b'mod partikolari, fir-rigward tat-taħriġ b'rabta mal-Karta, u **jħares b'mod favorevoli** lejn l-azzjoni li l-Kummissjoni tipprevedi li twettaq fl-Istrateġija dwar il-Karta.

⁹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, 2 ta' Diċembru 2020, COM(2020) 713 final.

Rappurtar annwali u dibattitu

25. Il-Kunsill **jilqa'** l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta Rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta b'approċċ tematiku li jiffoka fuq oqsma ta' politika partikolari regolati mill-liġi tal-Unjoni, abbażi tal-prinċipji ta' oġġettività, ġustizzja u t-trattament ugwali tal-Istati Membri, u **jistenna b'interess** il-preżentazzjoni tal-ewwel rapport iffukat fuq id-drittijiet fundamentali fl-era diġitali, li għandu jiġi ppubblikat fl-2021. Il-Kunsill **jistieden** lill-Kummissjoni biex tinkludi wkoll fir-rapporti tagħha l-aħjar prattiki għal applikazzjoni aħjar tal-Karta fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali, u biex tiżgura li r-rapport ikun faċli għall-qarrej u jixxerred fost il-pubbliku ġenerali.

26. Il-Kunsill **jieħu l-impenn** li jiġi organizzat skambju ta' fehmiet annwali dwar l-applikazzjoni tal-Karta, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, abbażi tar-Rapport annwali tal-Kummissjoni, tar-Rapport annwali tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali u tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fuq il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Id-dibattitu annwali għandu jgħin fl-elaborazzjoni ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill immirati u li jħarsu 'l quddiem.

Istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u korpi tal-ugwaljanza

27. Il-Kunsill **jagħraf** li l-NHRIs indipendenti u l-korpi tal-ugwaljanza għandhom rwol kruċjali fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali u fis-sensibilizzazzjoni, u jikkontribwixxu biex tiġi żgurata l-konformità tal-politiki nazzjonali mal-Karta. L-NHRIs huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-Karta, minħabba l-mandat wiesa' u orizzontali tagħhom b'rabta mad-drittijiet fundamentali u l-prossimità tagħhom maċ-ċittadini.

29. Il-Kunsill **jinkoraġġixxi** lill-Istati Membri li għadhom ma stabbilixxewx NHRIs indipendenti f'konformità mal-Prinċipji dwar l-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali ("il-Prinċipji ta' Pariġi") biex jagħmlu dan, filwaqt li jfakkar ukoll fl-indikatur 16.a.1 tal-SDGs. L-Istati Membri fejn l-NHRIs ikunu ġew stabbiliti għandhom jiżguraw li jingħataw biżżejjed riżorsi u persunal biex iwettqu l-mandat tagħhom. Barra minn hekk, il-Kunsill **jissottolinja** li l-iżgurar ta' ambjent abilitanti u finanzjament adegwat huwa essenzjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-NHRIs u tal-korpi tal-ugwaljanza bħala aġenti tal-Karta.

30. Il-Kunsill **jinnota** li hemm lok biex jissaħħaħ l-impatt tal-ħidma tal-NHRIs u **jinkoraġġixxi** lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, u lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni biex isaħħu aktar il-kooperazzjoni reċiproka ma' dawn il-mekkaniżmi, jiġifieri billi jiżguraw l-involvement regolari u sostanzjat tagħhom f' skambji ta' fehmiet mal-gvern u fl-eżerċizzji ta' rappurtar.

Is-soċjetà ċivili

31. Il-Kunsill **jirrikonoxxi** li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma ta' spiss l-ewwel istanza li ċ-ċittadini jirrikorru għaliha għal appoġġ u informazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tagħhom; ta' spiss, huma wkoll fuq quddiem nett fil-prevenzjoni kontra l-ksur jew l-abbużi u fir-reazzjoni għalihom. Il-Kunsill **jagħraf** ukoll ir-rwol essenzjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kondiviżjoni tal-għarfien rilevanti dwar il-Karta u fis-sensibilizzazzjoni għal kwistjonijiet b'rabta magħha.

32. Il-Kunsill **ifakkar** fl-importanza li jitneħħew kull restrizzjoni inutli, illegali jew arbitrara fuq l-isparju tas-soċjetà ċivili u **jirrikonoxxi** li finanzjament trasparenti, suffiċjenti u faċilment aċċessibbli huwa kruċjali għall-funzjonament indipendenti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. B'rabta ma' dan, il-Kunsill **jistenna b'interess** l-implimentazzjoni tal-Fond tal-Unjoni għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri.

33. Il-Kunsill **jistieden** lill-Istati Membri biex jikkunsidraw modi kif itejbu l-interazzjoni u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bil-ħsieb li jappoġġaw it-tisħiħ tal-kapaċitajiet rigward il-Karta biex jippromwovu u jipproteġu aħjar id-drittijiet minquxa fiha. F'dan ir-rigward, huwa **jqis** prassi tajba li l-gvernijiet jiltaqqu regolarment mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jinvolvuhom fit-tnejja ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali u fir-rappurtar dwar l-applikazzjoni tal-istrumenti tad-drittijiet fundamentali, u li jistabbilixxu strutturi li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet u awtoritajiet pubbliċi.